**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Anthony David Gauci**

Kaz Numru: 108/2015

Illum 26 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony David Gauci**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Patrick u Isabel neé Dawson, imwieled l-Ingilterra nhar it-8 ta' April 1982, residenti gewwa Block 4, Flat 3, Triq Sir L. Preziosi, Pembroke u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 48999(M)

akkuzat talli:

1. nhar it-2 ta' April 2015, ghall-habta ta' 01.30hrs, gewwa l-Gzira, zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr

licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. irrenda ruhu recidiv ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 2) *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz ta' liema Ordni l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet

migjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat li, meta sar l-eżami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (*a fol.* 21).

Rat li, waqt is-seduta tat-3 ta' April 2015 (*a fol.* 19), l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tiegħu.

Rat li, waqt is-seduta tat-3 ta' April 2015 (*a fol.* 19), il-Qorti diversament preseduta ordnat li jiġi mħejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat u dana għar-raġuni msemmija fil-verbal tal-imsemmija seduta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Ġunju 2015 mogħti mis-Sinjurija Tiegħu l-Prim'Imħallef (*a fol.* 32 *et seq.*).

Rat li, permezz ta' Digriet mogħti fis-16 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 56), il-Qorti laqgħet it-talba kontenuta f'Rikors ipprezentat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Tabone Fabri, liema Rikors ġie pprezentat fl-10 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 55), u l-Qorti awtorizzat lill-Uffiċjal tal-*Probation* imsemmija sabiex tippreżenta rapport addizzjonali tagħha u ordnat ukoll li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni Provviżorja ta' Supervizjoni skont l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li, waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 60), l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u dana wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Rat li, waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016, il-Prosekuzzjoni u d-difiża awtorizzaw lill-Qorti sabiex tagħti s-sentenza tagħha fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi l-Qorti tinnota lil fil-*Pre-Sentencing Report* (Dok. "SF 1" – *a fol.* 43 *et seq.*) redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Sharlet Tabone Fabri fis-7 ta' Mejju 2015, Tabone Fabri rrakkomandat is-segwenti:

> "Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, qed jigi suggerit illi din l-Onorabbli Qorti li tigi kkunsidrata Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan sabiex l-imputat jigi moghti l-ghajnuna u l-gwida necessarja fl-oqsma mehtiega u specjalment direttivi specifici fejn jidhol it-tehid u r-riabilitazzjoni tad-droga".

Illi l-Qorti, fid-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 40 *et seq.*), semghet lill-Ufficjal tal-*Probation* Tabone Fabri tispjega li hija kienet qed tiddubita jekk ir-rakkomandazzjoni taghha msemmija hawn fuq kienetx ghadha wahda idonea ghar-ragunijiet imsemmija minnha.

Illi l-Ufficjal tal-*Probation* Tabone Fabri nfurmat lill-Qorti wkoll bis-segwenti:

- Fin-Nota taghha pprezentata fit-3 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 57), fejn wara li fis-16 ta' Novembru 2015 Tabone Fabri gie moghtija l-inkarigu li ssegwi lill-imputat fuq Ordni Provizorja ta' Supervizjoni, Tabone Fabri nfurmat lill-Qorti li ma setghetx issir is-supervizjoni adekwata ghar-ragunijiet imsemmija fin-Nota.

- Fis-seduti tat-3 ta' Frar 2016 (*a fol.* 59) u tat-3 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 61), Tabone Fabri qalet li minkejja d-diversi appuntamenti li tat lill-imputat huwa ma attendiex diversi drabi.

- Fin-Nota taghha pprezentata fis-6 ta' Gunju 2016, Tabone Fabri nfurmat lill-Qorti bis-segwenti: *"jidher li Anthony David Gauci qieghed jikkopera mal-Ufficjal tal-Probation u sahansitra jhoss li jkun kapaci jimxi ma' Ordni ta' Probation"* (*a fol.* 64).

- Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 68), Tabone Fabri xehdet li minkejja li l-imputat wera ko-operazzjoni maghha hija lmentat li kien hemm problema fil-konsistenza fl-appuntamenti. Xehdet ukoll fuq l-uzu tad-droga tal-imputat. Sahqet li xtaqet tara aktar *commitment* minn naha tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' dawn ir-reati, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (*a fol.* 18), l-istqarrija (*a fol. 7 et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, u, kif ukoll, dak kollu li l-Ufficjal tal-*Probation* infurmat bih lill-Qorti.

Illi l-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat u thoss li jkun utili li l-imputat jinghata cans li permezz tieghu jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u sabiex jigi mghejjun jaghraf it-triq it-tajba.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dan kollu, l-imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma hajtu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **<u>L-AHHAR DARBA</u>** li l-imputat ser jinghata dan ic-cans. <u>Il-Qorti tistieden lill-imputat sabiex jiehu din l-opportunita' li qed tinghatalu u jaghraf ma jitlifhiex</u>. Il-Qorti tifhem li l-imputat jista' jeghleb il-problemi li ghandu. **<u>Il-Qorti ser tiehu hsieb li tfiehem lill-imputat bi kliem car hafna u li jinftiehem li jekk ma jaghrafx jiehu din l-opportunita' li ser tinghatalu ser ikun hemm konsegwenzi ferm u ferm serji</u>**. Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa, fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu ser jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u Taqsimiet 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-

Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Anthony David Gauci hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li:

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47),

- fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, il-Qorti billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Anthony David Gauci taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

  *Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Anthony David Gauci bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

  *Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Anthony David Gauci.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigu konfiskati l-oggetti kollha ezebiti u dana *stante* li ma gie ezebiet l-ebda oggett. Il-Qorti tichad ukoll it-talba sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**